# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 37/2020/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Daniel Sammut**

Illum id-disgħa (9) ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Daniel Sammut**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 238288(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fis-26 ta' Jannar 2020, għall-ħabta ta' nofsinhar, ġewwa 56, Orchids, Triq in-Nirien, Siġġiewi:

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' oħtu Olivia Sammut (membru domestiku) f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi hekk kif iċċertifika Dr. James Mifsud MD..

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' April 2021, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 214, 216, 222(1)(a) u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal perjodu ta' sena priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet sospiża għal erba' snin. Sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-vittma Olivia Sammut, il-Qorti rabtet lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) għal żmien tnax-il xahar. *Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż tal-espert Dr. Adrian Agius fl-ammont ta' mitejn Euro (€200). Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ċar il-konsegwenzi u l-obbligi tiegħu fir-rigward tas-sentenza mogħtija u x'jiġri jekk ma jonorax l-obbligi tiegħu b'dan illi l-imputat iddikjara li fehem l-istess.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-11 ta' Mejju 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar is-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' April 2021 fl-intier tagħha u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet

li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-30 ta' April 2021.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fis-26 ta' Jannar 2020 il-parti leża Olivia Sammut għamlet rapport dwar inċident domestiku bejnha u bejn ħuha l-appellant fejn allegatament sofriet xi ġrieħi. Jirriżulta li quddiem l-Ewwel Qorti hija għażlet li ma tixhidx. Skont l-appellant ma tressqu ebda provi oħra ammissibbli dwar l-inċident.

Illi l-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar iż-żewġ aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li s-sejbien ta' ħtija f'dan il-każ huwa erronju u irraġonevoli għax ma hemmx prova ta' x'ġara fid-data, fil-ħin u fil-lok indikati fl-imputazzjoni. L-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tiġi għall-konvinċiment morali dwar il-ħtija tiegħu meta ma hemmx provi fl-atti proċesswali. Jisħaq li s-sentenza appellata hija waħda *unsafe and unsatisfactory*.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet

raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi għalhekk li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- L-Uffiċjal Prosekutur l-i**Spettur Kylie Borg** (*a fol.* 22 *et seq.*) xehdet li fis-26 ta' Jannar 2020 kienet infurmata minn PS 1482 Bjorn Schembri li kien hemm rapport ta' vjolenza domestika f'56, Triq in-Nirien, Siġġiewi. Tgħid li s-surġent kien kellem lil Olivia Sammut fejn din qaltlu li hi kienet qed tkellem lil xi ħadd fuq it-telefon meta ħuha Daniel Sammut beda jgħidilha biex tkellem lil missieru. Tgħid li Sammut spjegat li dak il-ħin ma setgħetx tkellem lil missierha u li Daniel Sammut kien qabad jagħtiha bil-ponn u tefagħha fl-art. L-iSpettur qalet li kienet kellmet lil Olivia Sammut u kienet rat daqqa ġo għajnejha. Tgħid li kien hemm tbenġila vjola. Olivia Sammut ikkonfermatilha l-istess verżjoni li kienet qalet lis-Surġent.

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Olivia Sammut qalet li ħuha kien ta daqqiet ta' sieq f'ġisimha waqt li hi kienet qegħda mal-art.

- **PS 1482 Bjorn Schembri** (*a fol.* 37 *et seq.*) ikkonferma li dakinhar tal-akkadut kien irċieva telefonata minn għand Olivia Sammut. Jgħid li marru fid-dar 56, Triq in-Nirien, Siġġiewi fejn sabu lil Olivia Sammut bi ġrieħi f'wiċċha. Jgħid li kienet qaltlu li kellha argument ma' ħuha Daniel Sammut. Huwa kkonferma bil-ġurament ir-rapport (Dok. "KB 3" – *a fol.* 7 *et seq.*) redatt minnu f'liema rapport bażikament hemm dak li ġara dakinhar tas-26 ta' Jannar 2020.

- Meta fl-istess jum tal-akkadut Olivia Sammut kienet eżaminata fl-iSptar minn **Dr. James Mifsud** huwa sab diversi *bruises*, ħafna *abrasions* fuq in-naħa ta' fuq taż-żewġ idejn, u *fractures* fin-*nasal bones*. Huwa ddeskriva l-offiżi bħala gravi. Dan kollu jirriżulta miċ-ċertifikat (Dok. "KB 4" – *a fol.* 10) rilaxxat minn Dr. James Mifsud. Meta huwa xehed quddiem l-Ewwel Qorti fit-3 ta' Settembru 2020 (*a fol.* 58) huwa kkonferma li kien sab tbenġil fuq il-wiċċ ta' Olivia Sammut, qatgħa fuq ix-xoffa ta' isfel, u tbenġil fuq il-kustilji fuq in-naħa tax-xellug. Jgħid li mill-i*scan* irriżulta li kien hemm ksur fl-għadam tal-imnieħer.

- **Dr. Adrian Agius** (*a fol.* 65 *et seq.*), li ġie maħtur bħala espert mill-Ewwel Qorti, eżamina lill-parti leża fit-3 ta' Ottubru 2020 waqt li l-akkadut sar f'Jannar 2020. Jgħid li l-parti leża kienet qaltlu li kellha xi tbenġil waqt li meta eżaminaha hu sab kollox tajjeb u hu ma sab ebda ksur. Fir-rapport tiegħu (Dok. "AG" – *a fol.* 67) huwa kiteb hekk: *"On examination the nasal bones and septum were central with no septal haematoma. The facial skin muscles and skeleton were intact with good nerve function. The oral cavity and neck were clear. Both tympanic membranes were normal. Hearing was normal with a whispered voice detected at 70cm both sides, Rinne test was positive on both sides, Weber was central."* Bħala konklużjoni, fl-istess rapport inkiteb hekk: *"Normal examination and findings. No disability."*

- Fl-istqarrija tiegħu (Dok. "KB 5" – *a fol.* 11 *et seq.*) l-appellant kien qabel li ġie arrestat minħabba li kellu xi jgħid ma' oħtu Olivia iżda sostna li kien iddefenda ruħu għax marret biex taħbat għalih. Jgħid li hija kienet żelqet u hedditu li kienet ser taqbad sikkina għalih. Jgħid li missieru kellu bżonn xi ħaġa imma t-tnejn li huma kellhom x'jagħmlu. Jgħid li oħtu offendietu u l-istess għamel hu u marret taħbat għalih. Jispjega li hu ressaqha bil-mod mal-ġenb u li waqgħet mal-art u ħabtet wiċċha. Jgħid li ħadd minn tal-familja ma ra l-akkadut waqt li oħtu kienet qed tkun aggressiva.

- Quddiem l-Ewwel Qorti, il-parti leża Olivia Sammut għażlet li ma tixhidx peress li l-appellant allura imputat huwa ħuha.

- Quddiem din il-Qorti kif preseduta, Olivia Sammut qalet li hi u ħuha l-appellant huma ħbieb kbir. Tgħid li tieħu ħsiebu u li jkun ħafna magħha.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li kienet oħt l-appellant allura imputat li ċemplet lill-Pulizija dwar dak li kien ġara u li l-Pulizija marru fuq il-post. Minkejja li l-parti leża għażlet li ma tixhidx, dan ma jfissirx li din il-Qorti ma teżaminax dak li jirriżulta mill-bqija tal-atti proċesswali, b'mod partikolari dak li ngħad mill-uffiċjali tal-Pulizija li kellmu lil Olivia Sammut u xehdu dwar dak li qaltilhom hi.

Illi jekk dak li xehdu l-uffiċjali hawn fuq imsemmija jitqies bħala *hearsay*, dan ma jfissirx li l-Qorti għandha twarrab din ix-xiehda tagħhom għal kollox. Riferenza sejra ssir għas-sentenza mogħtija fl-1 ta' April 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Fabio Schembri** (Numru 206/2010) fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "[...] Hu ben stabbilit li waqt li prova *hearsay* ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak li rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hija ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanzi oħra tista'

wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti."

Illi Artikolu 599 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (li huwa reż applikabbli għal qrati tal-ġustizzja kriminali b'Artikolu 520 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) jaqra hekk:

> "Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd." [emfażi miżjuda]

Illi mill-ewwel sentenza tal-Artikolu hawn fuq ikkwotat jemerġi li fil-liġi tagħna l-*hearsay rule* mhijiex daqshekk assoluta. In fatti fis-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Ben Nasan Khaled Ibrahim** (Numru 135/2019/1), il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

> "14. [...] Pero' hemm ukoll ċirkostanzi fejn skont l-artikolu 599 tal-Kap. 12 xiehda fuq kliem ħaddieħor hija ammessa. Din id-dispożizzjoni tapplika wkoll għall-proċeduri kriminali wkoll bis-saħħa tal-Artikolu 645 tal-Kap. 9."

Illi minkejja li l-parti leża għażlet li ma tixhidx kontra ħuha l-appellant, pero' mill-atti proċesswali jirriżulta li hija kienet eżaminata fl-istess jum meta seħħ l-akkadut minn Dr. James Mifsud u dan skont iċ-ċertifikat (Dok. "KB 4" – *a fol.* 10) u skont

ix-xiehda tiegħu (*a fol.* 58 *et seq.*) fejn semma t-tbenġil fuq il-wiċċ, fuq il-kustilji, qatgħa fuq ix-xoffa u li minn *scan* irriżulta li kien hemm ksur fl-għadam tal-imnieħer.

Illi minkejja li meta xehed l-espert Dr. Adrian Agius huwa qal li ma sab xejn ħażin imma dan ma jfissirx li l-offiżi li tagħhom l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati ma kienux jeżistu. Jirriżulta li l-espert ħejja r-rapport tiegħu fit-3 ta' Ottubru 2020 (hekk kif jirriżulta mill-istess rapport immarkat bħala Dok. "AG" – *a fol.* 67) meta l-akkadut seħħ aktar minn tmien xhur qabel! Sewwa għamlet l-Ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata qalet hekk (*a fol.* 87): *"Fil-fatt fir-rapport tiegħu huwa ma għamel l-ebda referenza għall-ġrieħi li soffriet il-vittma kif reġistrati fil-file mediku tagħha u lanqas ma jagħmel riferenza għaċ-ċertifikat mediku maħruġ dakinhar stess minn Dr. James Mifsud li eżamina lill-vittma dakinhar stess tal-inċident."*

Illi jirriżulta li l-parti leża Olivia Sammut sofriet il-ġrieħi msemmija. Skont il-verżjoni tal-appellant fl-istqarrija tiegħu kienet oħtu li marret taħbat għalih u li hu ddefenda ruħu. Din il-verżjoni ma għandhiex mis-sewwa u xejn ma taqbel maċ-ċertifikat mediku maħruġ dakinhar stess li jindika saħansitra ksur tal-għadma tal-imnieħer. Apparti minn dan, fl-atti proċesswali hemm ukoll x'raw personalment l-uffiċjali tal-Pulizija meta kellmithom Olivia Sammut. Fl-aħħarnett dan kollu hu korroborat bil-fatt biss li ntqal dak il-kliem f'dik id-data, f'dawk iċ-ċirkostanzi u f'dak il-ħin bejn Olivia Sammut u l-uffiċjali tal-Pulizija, jiġifieri fis-sens imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Fabio Schembri** li ġiet ċitata aktar 'il fuq.

Illi l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant allura imputat ma kellhiex ħtieġa tal-kwerela tal-parti leża u għalhekk il-Pulizija setgħet tipproċedi *ex officio.* Minkejja li l-parti leża baqgħet qatt ma xehdet f'dawn il-proċeduri, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad fir-rigward tal-aggravju in eżami, din il-Qorti tikkonkludi li bl-evidenza l-oħra li tirriżulta mill-atti proċesswali u li hija għad-dispożizzjoni tagħha sewwa għamlet l-Ewwel Qorti li sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tal-

imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu. Għalhekk l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju huwa dwar il-kundanna tal-Ewwel Qorti għall-ħlas tal-ispejjeż meta l-Qorti kienet skartat ir-rapport tal-espert. Dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li ġie irtirat mill-istess appellant fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2021 hekk kif jirriżulta mill-verbal (*a fol.* 96) tas-seduta msemmija li nżammet quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Għaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni aggravju.

**Ikkunsidrat**

Illi minkejja li l-ewwel aggravju tal-appellant ġie miċħud u l-ieħor ġie rtirat, din il-Qorti ma tarax lok li żżomm fis-seħħ dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti rabtet lill-appellant b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana peress li ma jirriżultax li dan huwa aktar meħtieġ u dana fid-dawl ta' dak li qalet il-parti leża Olivia Sammut quddiem din il-Qorti kif preseduta.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Daniel Sammut u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha u dan għajr għal dik il-parti tas-sentenza appellata fir-rigward tal-obbligazzjoni *ai termini* ta' Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema parti qed tiġi revokata.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |